**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni"**

*COM(2009) 154 finali – 2009/0157 (COD)*

(2011/C 44/25)

Relatur: **is-Sur CAPPELLINI**

Nhar l-20 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' ċertifikat Ewropew tas-suċċessjoni*

COM(2009) 154 finali – 2009/0157 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Ġunju 2010.

Matul l-464 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-14 u l-15 ta' Lulju 2010 (sessjoni tal-14 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'119-il vot favur, l-ebda vot kontra u astensjoni waħda.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat jilqa' l-proposta attwali tal-Kummissjoni iżda juri li din ftit li xejn tissodisfa l-aspettattivi mqajma mill-Green Paper u ħafna inqas il-proposti magħmula mill-KESE fl-opinjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2005.

1.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-Proposta għal Regolament (PR) hija għodda importanti għas-soċjetà ċivili biex tiżdied il-prevedibbiltà legali u biex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet rapidi u effettivi mil-lat ta' nfiq għal suċċessjonijiet internazzjonali fl-Istati Membri tal-UE. Madankollu jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li hemm bżonn li l-verżjonijiet differenti tat-test skont il-lingwa għandhom jiġu riveduti, u jiġi assigurat li huma konsistenti u ntużat it-terminoloġija legali korretta.

1.3 Il-Kumitat jesprimi xi tħassib, b'mod partikolari dwar ir-rwol tal-liġi ta' stati li mhumiex membri tal-UE u dwar xi elementi taċ-ċertifikat tas-suċċessjoni. Dan it-tħassib qed jiġi ttrattat minn rakkomandazzjoni għal Artikolu 26 ġdid u terminu itwal fl-Artikolu 43, paragrafu 2. Analiżi u preżentazzjoni iktar fil-fond ta' dan id-dokument kumpless, li huwa l-PR, jirrikjedu dokument itwal ta' ħidma, li jmur lil hinn mill-istandards tas-soltu tal-KESE.

1.4 Il-Kumitat jirrakkomanda bis-sħiħ li l-bidliet li ġejjin jiġu adottati fil-PR:

i. daħħal "Dawn ir-regoli differenti jfixklu u jdewmu ukoll l-eżerċizzju tad-dritt għal proprjetà tal-eredi leġittimu fuq il-proprjetà tal-mejjet" u "Azzjoni unilaterali mill-Istati Membri ma tkunx biżżejjed biex jinkisbu l-objettivi kollha tal-PR" fil-punt 1.2 u l-punt 3.2 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-PR (ara 3.4.3 u 3.4.4);

ii. daħħal fl-Artikolu 1, paragrafu 1 il-kjarifika li l-PR japplika biss għas-suċċessjonijiet "ta' natura internazzjonali" (ara 4.1.1);

iii. issostitwixxi l-kelma "oħrajn" bil-kelma "addizzjonali" jew "oħrajn minbarra" fl-Artikolu 21, paragrafu 1 fil-lingwi kollha (ara 4.3.8);

iv. issostitwixxi l-Artikolu 25 b'Artikolu ġdid: "Applikazzjoni universali: Dan ir-Regolament jispeċifika l-liġi applikabbli anke jekk din mhix il-liġi ta' Stat Membru" (ara 4.3.9);

v. issostitwixxi l-Artikolu 26 (Titolu "Renvoi", u li jinbidel fil-verżjoni Ingliża) b'artikolu ġdid: "Jekk il-mejjet ma għażilx liġi skont l-Artikolu 17 u l-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament hija l-liġi ta' Stat li mhux membru tal-UE u r-regoli dwar il-kunflitt bejn il-liġijiet jispeċifikaw bħala applikabbli l-liġi, jew ta' Stat Membru tal-UE, jew ta' Stat ieħor li mhux membru tal-UE li japplika l-liġi tiegħu, tapplika l-liġi ta' dan l-Istat l-ieħor. Dan l-Artikolu ma japplikax għal patti ta' suċċessjoni li l-fatturi ta' konnessjoni tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 18, paragrafu 2, huma l-liġi li għandha l-aktar rabtiet mill-qrib". ara 4.3.10.1);

vi. daħħal fl-Artikolu 27 il-kelma "manifestament" qabel "inkompatibbli" fil-lingwi kollha (din ma tapplikax għall-verżjoni Maltija), u l-kelma "internazzjonali" wara "politika pubblika" għallinqas fil-verżjoni Franċiża u Taljana (ara 4.3.11);

vii. issostitwixxi "l-modalitajiet tagħha" bit-terminu "d-dispożizzjonijiet tagħha" fl-Artikolu 27, paragrafu 2 fil-lingwi kollha (ara 4.3.12);

viii. estendi l-perijodi ta' żmien fl-Artikolu 43, paragrafu 2 għal 9 jew 12-il xahar (ara 4.6.1).

## 2. **Kuntest**

2.1 Il-proposta tittratta suġġett kumpless li huwa importanti għal kwalunkwe persuna li għandha r-residenza abitwali tagħha (b'xi estensjonijiet f'Artikolu 6), fl-Unjoni Ewropea irrispettivament min-nazzjonalità tagħha. Green Paper dwar suċċessjonijiet u testmenti ([1]) fetħet konsultazzjoni wiesgħa fir-rigward tas-suċċessjonijiet *ab intestat* jew testamentarji li fihom aspetti internazzjonali.

2.2 L-importanza prattika tal-PR bħala strument uniformi li jistabbilixxi standards tirriżulta mill-varjetà attwali li l-Istati Membri tal-UE jippreżentaw fir-regoli legali tagħhom fir-rigward ta':

a) id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli;

b) l-ambitu tal-ġurisdizzjoni tat-tribunali tagħhom dwar testmenti internazzjonali u każijiet ta' suċċessjoni;

c) il-kondizzjonijiet fejn sentenza li tingħata fi Stat Membru ieħor tal-UE tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata; u

d) il-kondizzjonijiet fejn strumenti awtentiċi mfassla fi Stat Membru ieħor tal-UE jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati.

2.3 Għal finijiet ta' ċarezza, il-PR għandha l-għan li tipprovdi skema uniformi għal dawn ir-regoli, li kollha jappartjenu għal-liġi internazzjonali privata u jagħmlu r-riżultat tat-testmenti u s-suċċessjonijiet internazzjonali dipendenti fuq il-liġi li hija applikabbli għalihom skont il-kunflitt speċifiku tar-regoli tal-liġi (inklużi fil-PR) tal-forum (Stat Membru tal-UE). B'mod oppost, il-PR mhijiex maħsuba li jkollha fiha nnifisha xi effett fuq il-liġi sostantiva interna tal-Istati Membri tal-UE li tirregola l-istatus, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-eredi fir-rigward tal-proprjetà (jew art) tal-mejjet. Barra minn hekk, iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni stabbilit fil-Kapitlu VI mhuwiex eċċezzjoni iżda jikkonċerna l-evidenza tal-istatus u ma jipprovdi l-ebda dispożizzjoni sostantiva interna u uniformi tal-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jinkiseb dan l-istatus. B'mod aktar ġenerali, minbarra din il-PR, il-liġi sostantiva interna ma tidħolx fil-kompetenza mogħtija skont l-Artikolu 65 b tat-Trattat.

([1]) COM(2005) 65 finali.

## 3. **Kummenti Ġenerali**

3.1 Fl-Opinjoni ([2]) tiegħu dwar il-Green Paper dwar suċċessjonijiet u testmenti, il-KESE, fost affarijiet oħra:

a) laqa' l-Green Paper peress li din tqajjem kwistjonijiet fundamentali u ta' ċerta urġenza;

b) ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal kwistjonijiet fiskali li l-eredi jistgħu jiffaċċjaw meta jkun hemm artijiet f'żewġ pajjiżi jew iktar; u

c) esprima apertament l-interess tiegħu billi qal li huwa jikkunsidra l-kwistjoni tat-testmenti u s-suċċessjonijiet bħala waħda ta' interess kbir għaċ-ċittadini tal-Ewropa.; ix-xewqat tagħhom għal semplifikazzjoni tal-formalitajiet, ċertezza legali u fiskali akbar, u riżoluzzjoni aktar rapida ta' suċċessjonijiet internazzjonali, li dawn jistennew minn inizjattiva Komunitarja, m'għandhomx jiġu diżappuntati.

3.2 Din id-dikjarazzjoni ta' interess tal-KESE għall-kwistjoni tat-testmenti u s-suċċessjonijiet, li ġiet iddikjarata bħala waħda ta' interess kbir għaċ-ċittadini tal-Ewropa, għandha tiġi aġġornata, erba' snin mill-analiżi tal-Green Paper, fir-rigward tal-istruttura u d-dispożizzjonijiet konkreti proposti mill-Kummissjoni fil-PR tagħha.

3.3 *Il-potenzjal u l-partijiet interessati ta' din il-PR*

3.3.1 Ta' min wieħed jinnota li, fl-Opinjoni ([3]) tiegħu, il-KESE stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-kwistjonijiet fiskali u esprima interess dwar ċertezza fiskali ikbar. Madankollu, minħabba l-ambitu tal-PR, u skont il-kompetenza ristretta mogħtija mill-Artikolu 65 tat-Trattat, il-PR tindirizza l-aspetti tal-liġi internazzjonali privata tat-testmenti u s-suċċessjonijiet, u m'għandhiex l-għan li jkollha effett dirett fuq il-liġi tal-Istati Membri relatata mal-aspetti fiskali tat-testmenti u s-suċċessjonijiet internazzjonali.

3.3.2 Peress li t-testmenti, meta jkun hemm, isiru qabel il-mewt u jistgħu jiġu revokati mit-testatur sa dak iż-żmien, u peress li r-regoli dwar is-suċċessjoni japplikaw eżatt wara l-mewt, kemm it-testmenti kif ukoll is-suċċessjonijiet huma effettivi u joperaw legalment mhux qabel il-mewt, u jirregolaw il-konsegwenzi patrimonjali tagħha. Għalhekk il-PR tikkonċerna lil kwalunkwe persuna, u lil kwalunkwe kategorija ta' partijiet interessati mis-soċjetà ċivili.

3.3.3 Madankollu, sabiex ikun hemm ċarezza fir-rigward tal-ambitu ta' applikazzjoni tagħha, ta' min wieħed jinnota li l-PR:

a) tapplika biss għal dawk it-testmenti u s-suċċessjonijiet li huma ta' natura internazzjonali – din tal-aħħar mhijiex definita fil-PR – u mhux għas-suċċessjonijiet ħafna iktar numerużi ta' natura purament nazzjonali; u

([2]) *ĠU C 28, 3.2.2006, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).*

([3]) *ĠU C 28, 3.2.2006, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).*

b) tapplika għal individwi, jiġifieri persuni naturali, iżda mhux għall-entitajiet legali bħalma huma l-korporazzjonijiet.

3.4 *L-għanijiet u l-prinċipju tas-sussidjarjetà*

3.4.1 Ċertament, in-natura uniformi u vinkolanti ta' Regolament tal-UE fuq l-Istati Membri tal-UE, il-leġislazzjoni u l-qrati interni tagħha, tispjega l-fatt li l-PR se żżid b'mod sostanzjali l-prevedibbiltà legali dwar is-suġġetti kollha li din tirregola. Dan l-effett jirrappreżenta l-valur miżjud dirett tal-PR. L-iżgurar tal-kwalità u l-abbozzar preċiż tad-dispożizzjonijiet tagħha huwa prijorità.

3.4.2 L-għan iddikjarat "li trażżan ix-xkiel kollu għall-moviment liberu tal-persuni" m'għandux iwassal biex jiġi injorat il-fatt li, jekk individwu għandux l-istatus ta' "eredi" jew le u jekk għandux "drittijiet" legali jew le fuq il-proprjetà tal-mejjet fi Stat Membru tal-UE huma kwistjonijiet li għandhom jitwieġbu mhux minn dispożizzjonijiet internazzjonali privati (li huwa s-suġġett tal-PR), iżda mid-dispożizzjonijiet sostantivi relevanti tal-liġi interna applikabbli. Il-PR ma timplika l-ebda tibdil f'dan ir-rigward peress li ma tagħmilx dawn id-dispożizzjonijiet sostantivi uniformi. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-memorandu ta' spjegazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn meħtieġ, emendata. Il-KESE jtenni t-talba li kien għamel dwar il-pożizzjonijiet tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, jiġifieri li dawn l-Istati Membri għandhom jiddikjaraw ir-rieda tagħhom li jimplimentaw dan ir-regolament.

3.4.3 B'din il-kwistjoni ċċarata, il-punt 1.2 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni jinkludi dikjarazzjoni preċiża ("Għaldaqstant, dawn il-persuni huma llum ikkonfrontati minn diffikultajiet sostanzjali biex jimplimentaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni internazzjonali") u konklużjoni inqas konvinċenti u ambizzjuża li testendi għad-dritt tal-proprjetà ("Dawn ir-regoli differenti jfixklu wkoll l-eżerċizzju sħiħ tad-dritt għal proprjetà privata"). Termini inqas b'saħħithom bħal "Dawn ir-regoli differenti jfixklu u jdewmu ukoll l-eżerċizzju tad-dritt għal proprjetà tal-eredi leġittimu fuq il-proprjetà tal-mejjet" ikunu aktar preċiżi u adatti.

3.4.4 Fid-dikjarazzjoni "Azzjoni unilaterali mill-Istati Membri għalhekk tmur kontra dan l-għan", it-terminu "tmur kontra" qed jiġi enfasizzat iżżejjed. Minkejja r-Regolament, l-Istati Membri tal-UE, jekk ikunu jridu, jistgħu jippruvaw għallinqas jiksbu l-objettiv ta' determinazzjoni uniformi tal-liġi applikabbli billi jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar is-Suċċessjoni tal-Aja tal-1989. Il-KESE huwa tal-fehma li jkunu aktar adatti termini inqas b'saħħithom bħal "Azzjoni unilaterali mill-Istati Membri ma tkunx biżżejjed biex jinkisbu l-objettivi kollha tal-PR".

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 *Kapitolu I: Ambitu u definizzjonijiet*

4.1.1 Il-PR hija maħsuba biex tkopri testmenti u suċċessjonijiet ta' natura internazzjonali, iżda ma tipprovdi l-ebda tifsira ta' din in-natura. Għal finijiet ta' ċarezza, għandha tiġi inkluża referenza li l-PR tapplika biss għal "sitwazzjonijiet ta' natura internazzjonali".

4.1.2 Kif jidher fit-titolu, il-PR tkopri kemm il-ġuriżdizzjoni (Kapitolu II) kif ukoll ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet (Kapitolu IV), jiġifieri dawk iż-żewġ fergħat tal-liġi internazzjonali privata li, bl-eċċezzjoni tar-regoli dwar il-liġi applikabbli, huma soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Nru 44/2001") li jeskludi mill-ambitu tiegħu it-testmenti u s-suċċessjonijiet. Dan in-nuqqas jispjega l-importanza tad-deċiżjoni meħuda biex il-PR tkopri t-tliet fergħat tal-liġi internazzjonali privata, jiġifieri l-liġi applikabbli, il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, dwar is-suċċessjonijiet internazzjonali, u biex tipprovdi regoli uniformi għalihom.

4.2 *Kapitolu II Ġuriżdizzjoni*

4.2.1 Il-Kapitolu II (Artikoli 3–15) huwa dwar il-ġuriżdizzjoni u japplika fil-qrati kollha tal-Istati Membri, u għall-awtoritajiet mhux ġudizzjarji biss meta dan huwa neċessarju.

4.2.2 Tingħata ġuriżdizzjoni ġenerali lill-qrati tal-Istat Membru fit-territorju fejn il-mejjet kellu r-residenza abitwali tiegħu meta miet. Evidentement, m'hemmx kundizzjoni dwar in-nazzjonalità. Għandu jiġi osservat li anke l-iskema ġenerali tal-UE dwar il-ġuriżdizzjoni, jew lex generalis, li hija r-Regolament (KE) Nru 44/2001, tagħti ġuriżdizzjoni ġenerali fuq il-bażi tar-residenza, u tħalli apparti kwalunkwe konsiderazzjoni tan-nazzjonalità.

Din il-ġuriżdizzjoni ġenerali taħt il-PR tapplika għaċ-ċittadini tal-UE (mejta) kif ukoll għal ċittadini mhux tal-UE, jekk kellhom ir-residenza abitwali tagħhom meta mietu fi Stat Membru tal-UE.

4.2.3 F'każi fejn ir-residenza abitwali tal-mejjet fil-mument tal-mewt ma tkunx tinsab fi Stat Membru, il-qrati ta' Stat Membru għandhom madankollu "ġuriżdizzjoni reżidwa" f'numru ta' każi, li testendi l-ġuriżdizzjoni tat-tribunali tal-Istati Membri tal-UE lil hinn mill-każ sempliċi fejn ir-residenza abitwali tal-mejjet fil-mument tal-mewt tkun tinsab fi Stat Membru. In-nazzjonalità mhix kondizzjoni għall-iskop tal-ġuriżdizzjoni ġenerali, iżda issir bażi għal ġuriżdizzjoni reżidwa.

4.2.4 Il-qrati fl-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà m'għandhom l-ebda ġuriżdizzjoni ġenerali mill-fatt innifsu skont il-PR. Teżisti eċċezzjoni parzjali fir-rigward tat-trażmissjoni tal-proprjetà, ir-reġistrar tagħha jew it-trasferiment fir-reġistru pubbliku.

4.3 *Kapitolu III Liġi applikabbli*

4.3.1 Il-Kapitolu III jipprovdi regoli uniformi (Artikoli 16-28) taħt il-liġi applikabbli. Ir-regola ġenerali hija li l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni kollha hija dik tal-Istat li fih il-mejjet kellu r-residenza abitwali tiegħu meta miet. Ma tapplika l-ebda kondizzjoni oħra, bħal pereżempju dik tan-nazzjonalità. Ma teżisti l-ebda distinzjoni bejn proprjetà mobbli u immobbli.

4.3.2 Għandu jiġi nnotat li r-regoli dwar il-kunflitti bejn il-liġijiet tal-PR, li għandhom jiġu applikati mill-qrati tal-Istati Membri tal-UE, jispeċifikaw il-liġi applikabbli irrispettivament minn jekk l-Istat tal-liġi applikabbli huwiex Stat Membru tal-UE jew le (Art. 25).

4.3.3 Tradizzjonalment, il-liġi internazzjonali privata tirrikonoxxi "l-awtonomija tal-partijiet", fi kliem ieħor il-possibbiltà għall-partijiet biex jagħżlu kwalunkwe liġi applikabbli fi kwistjonijiet kuntrattwali. Skont il-PR, persuna tista' tagħżel il-liġi li tirregola s-suċċessjoni kollha tagħha, iżda tista' tagħżel biss il-liġi tal-Istat li għandha ċ-ċittadinanza tiegħu.

4.3.4 Minħabba l-prevedibbiltà legali, din l-għażla għandha tkun waħda espressa u inkluża f'dikjarazzjoni li tkun fil-forma ta' dispożizzjoni causa mortis.

4.3.5 Suġġett differenti, li m'għandux jiġi konfuż mal-għażla tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni kollha kemm hi, huwa "Patti ta' suċċessjoni". Patt li jirrigwarda s-suċċessjoni ta' persuna huwa rregolat mil-liġi li, bis-saħħa ta' din il-PR, kienet tkun applikabbli għas-suċċessjoni ta' din il-persuna fil-każ tal-mewt tagħha dakinhar li l-ftehim ġie konkluż. Għandhom jintużaw fatturi oħra ta' konessjoni skont ir-regola ta' *favor validitatis*.

4.3.6 Mil-lat ta' liġi komparattiva u uniformi, kwistjoni importanti ħafna hija l-kamp tal-liġi applikabbli. Il-PR testendi l-kamp tal-liġi applikabbli sabiex tirregola s-suċċessjoni kollha, mill-ftuħ tagħha sat-trażmissjoni definittiva tal-wirt lill-aventi kawża. L-intenzjoni hija b'mod ċar biex tinkludi kemm jista' jkun kwistjonijiet legali taħt liġi applikabbli waħda u unika, bil-għan li tiżdied il-prevedibbiltà tal-liġi u titnaqqas il-konsultazzjoni kumplessa u li tieħu l-ħin ta' aktar minn liġi (ta' spiss barranija) waħda. Il-PR toffri lista twila u mhux limitata ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu regolati mil-liġi applikabbli, u għalhekk hemm inkluż ukoll kwistjonijiet mhux elenkati tas-suċċessjoni, mill-ftuħ tagħha sat-trażmissjoni definittiva tal-wirt lill-aventi kawża.

4.3.7 Il-liġi applikabbli tirregola s-suċċessjoni kollha kemm hi, mill-ftuħ tagħha sat-trażmissjoni definittiva tal-wirt lill-aventi kawża, iżda ma tipprekludix l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat Membru tal-post fejn tinsab il-proprjetà safejn din il-liġi, għall-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni jew ta' legat jew għar-rinunzja għalihom, tippreskrivi formalitajiet oħrajn minbarra dawk preskritti mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

4.3.8 Fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, huwa rrakkomandat li jiġi verifikat jekk fl-Artikolu 21, paragrafu 1, fil-parti tas-sentenza "formalitajiet oħrajn minbarra dawk", l-espressjoni "oħrajn minbarra" (fi kliem ieħor li jseħħu wara) hiex korretta, jew jekk l-intenzjoni kinitx pjuttost li jkun hemm it-tifsira "addizzjonali" jew "supplimentari". Huwa suġġerit li "addizzjonali" jew "supplimentari" ikunu preferibbli fil-kuntest tad-dispożizzjoni.

4.3.9 Il-KESE huwa tal-fehma li t-terminoloġija użata fid-dispożizzjoni dwar "Applikazzjoni universali" (Art. 25) għandha tirrifletti b'mod ċar biss dak li l-Kapitolu III tar-Regolament futur fil-fatt jagħmel: jispeċifika liġi applikabbli. Terminoloġija eħfef u preferuta għalhekk tkun "Applikazzjoni universali: Dan ir-Regolament jispeċifika l-liġi applikabbli anke jekk din mhix il-liġi ta' Stat Membru".

4.3.10 Jekk titwarrab l-għażla tal-liġi nazzjonali tiegħu mill-mejjet (Art. 17), ir-Regolament ġeneralment japplika l-liġi tal-forum, il-qorti tal-Istat Membru tal-UE li fih il-mejjet kellu r-residenza abitwali tiegħu meta miet. Madankollu, skont il-ġuriżdizzjoni reżidwa (Art. 6), tista' tapplika liġi ta' Stat li mhux membru tal-UE. F'każi bħal dawn, hemm bżonn li jiġi evitat li r-Regolament ma jħassarx l-unità tal-fatturi konnessi li jistgħu jkunu jeżistu diġà f'xi Stati li mhumiex membri tal-UE (unità li hija ta' benefiċċju għal xi mejjet u l-eredi tiegħu) u jagħtu kompetenza lil sistema legali nazzjonali li ma titqiesx, mil-lat tagħha, bħala applikabbli għal suċċessjoni speċifika. Sabiex jiġi assigurat dan il-bżonn u għal koordinazzjoni aħjar u bbilanċjata bejn l-Istati Membri tal-UE u dawk li mhumiex, huwa rrakkomandat li l-Artikolu 26 attwali (jinżamm it-titlu attwali "Renvoi", u li jinbidel fil-verżjoni Ingliża) jinbidel bid-dispożizzjoni segwenti:

4.3.10.1 "Jekk il-mejjet ma għażilx liġi skont l-Artikolu 17 u l-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament hija l-liġi ta' Stat li mhux membru tal-UE u r-regoli dwar il-kunflitt bejn il-liġijiet jispeċifikaw bħala applikabbli l-liġi, jew ta' Stat Membru tal-UE, jew ta' Stat ieħor li mhux membru tal-UE li japplika l-liġi tiegħu, tapplika l-liġi ta' dan l-Istat l-ieħor. Dan l-Artikolu ma japplikax għal patti ta' suċċessjoni li l-fatturi ta' konnessjonii tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 18, paragrafu 2, huma l-liġi li għandha l-aktar rabtiet mill-qrib".

4.3.10.2 Din id-dispożizzjoni l-ġdida tadatta għar-Regolament ([4]) u tipprova ttejjeb ([5]) dispożizzjoni simili li nżammet fil-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Suċċessjoni għall-istess raġunijiet, fi kliem ieħor "peress li l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet (…) irrikonoxxew ix-xewqa li ma tiġix distrutta l-unità fejn diġà teżisti" ([6]). Barra minn hekk, il-flessibbiltà li tagħti din id-dispożizzjoni (Art. 26 ġdid) hija konformi mal-liġi u l-prattika dwar "renvoi" f'xi Stati li mhumiex membri tal-UE, bħal pereżempju l-Istati Uniti tal-Amerka ([7]).

L-esklużjoni radikali ta' kwalunkwe dispożizzjoni fuq ir-"renvoi" fir-Regolamenti "Rome I" u "Rome II" sempliċiment tirrifletti l-fatt li s-suġġett tagħhom (obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali) huwa differenti ħafna mill-kwistjonijiet ta' suċċessjoni. Esklużjoni bħal din f'Rome I u II mhix argument serju fih innifsu biex jiġi eskluż l-Artikolu 26 ġdid irrakkomandat hawn fuq, li huwa importanti u ta' benefiċċju fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni kemm għal mejjet u għall-eredi tiegħu, kif ukoll għal koordinazzjoni aktar ibbilanċjata tal-fatturi ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istati li mhumiex.

4.3.11 Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 27 dwar il-politika pubblika huma tradizzjonali iżda fl-istess ħin kruċjali. Skont użu pjuttost standardizzat, huwa rrakkomandat li qabel "inkompatibbli mal-politika …" tiddaħħal "manifestament", u dan fil-lingwi kollha tar-Regolament, (din ma tapplikax għall-verżjoni Maltija) u "internazzjonali" tiddaħħal wara "politika pubblika" għallinqas fil-verżjoni Franċiża u Taljana (u fejn hu xieraq, fil-lingwi l-oħra). Innovattiva, utli u speċifikament adattata għall-kwistjonijiet ta' suċċessjoni hija l-esklużjoni ta' dan id-dispożitif "minħabba l-unika raġuni li l-modalitajiet tagħha dwar is-sehem riżervat tal-wirt huma differenti minn dawk fis-seħħ fil-forum".

4.3.12 Il-verżjoni Ingliża tal-Artikolu 27, paragrafu 2 ("its clauses regarding") mhiex identika għall-verżjoni Franċiża ("ses modalités concernant"). Huwa rrakkomandat li tintuża l-frażi "id-dispożizzjonijiet tagħha" (dwar eċċ.) fil-lingwi kollha tar-Regolament.

4.4 *Kapitolu IV Rikonoxximent u eżekuzzjoni*

4.4.1 Fuq il-mudell tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, il-Kapitolu IV tal-PR jinkludi l-Artikoli 29-33 dwar ir-rikonoxximent.

4.4.2 Semplifikazzjoni tas-suċċessjonijiet internazzjonali fl-Ewropa tirriżulta mill-prinċipju li deċiżjoni li tingħata fi Stat Membru tal-UE skont il-PR hija rikonoxxuta fi Stati Membri oħra, mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali.

4.4.3 Id-deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru mhijiex soġġetta għal reviżjoni dwar il-bażi tagħha fl-Istat Membru fejn qiegħed jitfittex ir-rikonoxximent, u mhix rikonoxxuta biss f'erba' każi.

4.5 *Kapitolu V Atti awtentiċi*

4.5.1 Semplifikazzjoni sostanzjali addizzjonali tas-suċċessjonijiet internazzjonali ser tirriżulta mill-fatt li l-atti awtentiċi mħejjija jew reġistrati formalment fi Stat Membru, li huma komuni fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni, huma rikonoxxuti skont il-PR fl-Istati Membri l-oħra.

4.6 *Kapitolu VI Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni*

4.6.1 Iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni introdott mill-PR jikkostitwixxi prova tal-istat ta' eredi, ta' legatarju u tas-setgħat tal-eżekuturi testamentarji jew tal-amministraturi terzi. Huwa rrakkomandat li l-perijodu ta' żmien jiġi estiż għal 9 jew 12-il xhar fl-Artikolu 43, paragrafu 2.

4.6.2 Il-mudell tal-formola ta' applikazzjoni għandu jiġi ssemplifikat u titneħħa kull informazzjoni mhux neċessara mitluba fil-punt 4.7.

Brussell, 14 ta' Lulju 2010.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Mario SEPI

([4]) B'hekk tiġi estiża l-użu ta' "renvoi" mill-Istati li mhumiex membri tal-UE għal dawk li huma.

([5]) Billi tiġi eskluża l-azzjoni tagħha mhux biss fil-każ ta' *professio iuris* (Art. 17) iżda wkoll fir-rigward tal-fatturi ta' konnessjoni ta' natura u metodoloġija differenti (klawżoli ta' eċċezzjoni, bħal-liġi li għandha l-aktar rabtiet mill-qrib skont l-Artikolu 18, paragrafu 2).

([6]) Waters Report, p.553, Proceedings of the Sixteenth Session, 3 to 20 October 1988, T.II, Hague Conference of Private International Law, 1990. Artikolu 4, Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet causa mortis. (1 August 1989). Ukoll, P.Lagarde, La nouvelle Convention de la Haye sur la loi applicable aux successions, RCDIP 1989, p.249 (258).

([7]) Fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-Aja, E. F. Scoles, The Hague Convention on Succession, AJCL 1994 p. 85 (113).